# Inventarju tal-Kappella ta' Kemmuna

**Lorenzo Zahra**



Iltqajt ma' kitba li turi li Kemmuna dejjem kienet taħt il-kura ta' Viċendarju minn Għajnsielem, għalhekk ħsibt li nagħti tagħrif dwarha.

Din kienet kitba ta' inventarju li sar minn Dun Ġużepp Żerafa f'Marzu 1958.

Naturalment dak iż-żmien ma kinitx ħaġa ħafifa wisq li wieħed jaqsam il-baħar biex jasal sa Kemmuna. Jidher ukoll li bosta mill-oġġetti li jissemmew fl-inventarju kienu misjura sew, kemm miż-żmien u telqa.

Kien hemm kwadru titulari li kien mikdud ferm – Mejda li sservi bħala artal – 4 trieħi jew dvalji għall-artal – ventartal fuq tilar tal-injam – bażi għall-artal – żewġ leġijiet wieħed mikdud wisq – tlett korporali, imma wieħed biss tajjeb – żewġ boroż tal-korporali li ma jixirqux – sitt purifikaturi –xugaman qadim - żewġ messali li jridu tiswija – Konfessjonarju li għandu bżonn



jissewwa - gwardarobba għal xi ħwejjeġ sagri –mejda ċkejkna qadima u bil-ħsara – żewġ armarjijiet bla bibien – żewġ bankijiet għal nies li jiġu l-knisja qodma u mkissra u l-kapella stess.



Hekk wieħed jara li fl-imgħoddi minkejja l-bogħod u d-diffikultà biex tasal u l-faqar, il-kapella kellha min jieħu ħsiebha.

Ref. AAM – arch MaterDei – INV. C/17

